

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

13564/25

**COH 186
SOC 647
ENER 494
ENV 949
SAN 600
CADREFIN 240
DELECT 144
*EIB
ECB***

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13123/25
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-nomenklatura għad-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF <i>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

1. Fit-22 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat imsemmi hawn fuq f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għall-att delegat sat-23 ta' Novembru 2025.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi eżamina l-att delegat u qabel li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.
3. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu informati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppublikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2021/1060.
